ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2025

Talba Nru: CCT234/24/DS

Carmel Mifsud

Vs

Homemate Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fil-11 ta' Novembru, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u sitta u sittin Ewro u ħamsa u sebgħin ċentezmu (€166.75) f'riżarċiment għal geyser difettuż illi għadu taħt il-garanzija;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fit-22 ta' Novembru, 2024;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in sueċċint huma s-segwenti:

Illi fit-2 ta' Diċembru, 2019 ir-rikorrent xtara geyser mingħand is-soċjeta' intimata u fil-bidu ta' Ottubru 2024 beda jqattar u joħroġlu s-sadid. Is-soċjeta' intimata kienet tagħtu garanzija ta' ħames snin u għaldaqstant kien mar jagħmel ilment. Ġie nfurmat illi s-soċjeta' intimata ser tkellem lis-*supplier* u meta kellmuh lura qalulu illi jekk il-geyser kien imqabbad direttament mal-mail il-garanzija ma kienetx tkopri ħsarat.

Ir-rikorrent saħaq illi huwa kien talab li jingħata '*terms of reference*' tal-garanzija meta kien xtara l-geyser u kienu qalulu illi m'għandhomx u li l-importanti illi jżomm l-irċevuta.

It Tribunal jagħmel referenza għas-segwenti artikoli tal-liġi Kap 378 dwar Affarijiet tal-Konsumatur

> *83.(1) Id-dikjarazzjoni tal-garanzija kummerċjali għandha tiġi pprovduta lill-konsumatur fuq mezz durabbli mhux aktar tard mill-mument tal-konsenja tal-oġġetti. Id-dikjarazzjoni tal-garanzija kummerċjali għandha tkun espressa b'lingwaġġ ċar u li jinftiehem u għandha tinkludi dan li ġej: ... (h) it-termini tal-garanzija kummerċjali"*
>
> *84.Meta bejjiegħ jew xi ħaddieħor jagħti garanzija kummerċjali lil konsumatur, irrispettivament meta jew kif din tingħata, għaldaqshekk dak il-bejjiegħ jew xi ħadd ieħor ikun responsabbli lejn il-konsumatur għall-osservanza tat-termini u l-implimentazzjoni tal-garanzija kummerċjali bħallikieku kien il-garanti. U*
>
> *89.It-tismija mill-garanti ta' terzi biex jesegwixxu garanzija kummerċjali ma teħlisx lill-garanti mill-obbligazzjoni li jkollu lejnil-konsumatur skont il-garanzija kummerċjali mogħtija lill-konsumatur.*

Ir-rapprezentant tas-soċjeta' intimata kkonfermat illi huwa minnu illi l-irċevuta sservi bħala garanzija u ma ċaħditx illi din il-garanzija testendi għall-perjodu ta' ħames snin pero' ċertu prodotti ikollhom magħhom garanzija addizzjonali mingħand is-supplier. Hija ma kienetx f'puzizzjoni li tikkonferma kienetx ingħatat o meno garanzija lir-rikorrenti u lanqas kienet f'puzizzjoni illi tgħid jekk ir-rikorrenti ġiex spjegat lilu illi jekk jitqabbad il-geyser mal-main il-garanzija ma tkoprix il-ħsarat. Hija pero indikat illi hemm *signage* mal-ħajt illi tgħid dan.

Fl-aħħar mill-aħħar meta s-soċjeta' intimata tat il-garanzija ta' ħames snin hija kienet obbligata tagħti t-termini ta' tali garanzija li m'għamlitux u jekk dan m'għamlitux jiskatta l-proviso tal-artikolu 83(1)(e) li jgħid:

> *Iżda kemm-il darba l-garanzija kummerċjali ma tiddikjarax speċifikatament xort'oħra, għandu jinftiehem li fil-każ ta' oġġetti, il-garanzija kummerċjali tkun tkopri kull difett li jista' jirriżulta matul il-perjodu ta' garanzija;*

Il-fatt illi s-supplier normalment jagħti garanzija addizzjonali m'għandiex tkun vinkolu għax-xerrej li jitlob li tiskatta din il-garanzija li *"tkopri kull difett li jista' jirriżulta matul il-perjodu ta' garanzija"* speċjalment tenut kont tal-fatt illi l-garanzija tas-*supplier* anka kif deskritta mir-rapprezentant tas-soċjeta' intimata hija addizzjonali għal dik mgħotija minnha u għaldaqstant m'għandhiex tkun inqas favorevoli għax-xerrej, kif fil-fatt hi.

Ikkunsidra

Xehed rapprezentant ta' FBP li huma s-suppliers tal-geysers u qal illi l-garanzija tkun fil-kaxxa flimkien mal-manwal tal-geyser. Huwa preżenta kopja tal-garanzija li normalment ikun hemm ma dan it-tip ta' geyser u qal illi jobbligaw lill-ħwienet biex jgħaddu l-garanzija lill-klijenti. F'din il-garanzija hemm imniżżel illi huma ma jkunux koperti jekk iqabbdu l-geyser direttament mal-main.

Jiġi rilevat illi r-rikorrenti saħaq illi huwa qatt ma ra s-signage, qatt ma ntqal lilu li ma jkunx kopert jekk iqabbad mal-main, qatt ma ra l-garanzija simili għal dik li ġiet preżentata anzi meta talab speċifikament għat-*terms of reference* ma ngħatawx lilu. Ir-rapprezentant tas-soċjeta' intimata qalet illi din il-garanzija tkun normalment fil-kaxxa, il-kaxxa tkun ssigillata u ma jkunux jafu jekk ingħatatx lill-klijent għaliex il-prodott jiġi miġbur mill-pick up point. Hija kkonfermat ukoll illi ma jiġi ffirmat l-ebda dokument mgħoti mis-supplier quddiemha.

Ikkunsidra

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi m'hemm l-ebda prova illi effettivament il-konsumatur ingħata l-garanzija b'termini ċari illi din ma tkopriehx jekk il-prodott jitqabbad direttament mal-*main*. Meta talab għal garanzija b'lista ta' kriterji li fuqa hija msejsa l-istess garanzija huwa ma ngħatax dokumenti anzi qalulu li l-irċevuta sservi bħala garnzija u dan ġie kkonfermat anka mis-soċjeta' attriċi. Huwa rrilevanti jekk kienx hemm garanziji oħra *stante* illi ġie provat li dawn kienu jekk xejn jagħtu anqas drittijiet lill-konsumatur f'dan il-każ.

Galadarba ġie provat li l-konsumatur inġhata garanzija li tkopri kull difett u ma teskludix li tkopri l-istess klijent jekk il-prodott jitqabbad mal-*main*, u *stante* illi r-relazzjoni ġuridika tal-klijent hija primarjament mas-soċjeta' intimata dan it-Tribunal iħoss illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u sitta u sittin Ewro u ħamsa u sebgħin ċentezmu (€166.75) lill-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru